MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-27 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 234/2006

**Frances Bergedahl f'isem is-soċjetà *Central Mediterranean Development Corporation Limited***

***Versus***

**Joseph Camilleri**

Din is-sentenza hija dwar eċċezzjoni ta' deżerzjoni ta' kawża.

B'rikors maħluf ippreżentat fis-17 ta' Marzu 2006 is-soċjetà attriċi talbet illi l-qorti tħoll konċessjoni sub-enfitewtika favur il-konvenut għax tgħid illi dan ma ħarisx il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-konċessjoni.

B'dikriet tat-28 ta' Marzu 2006 il-qorti ordnat lill-attriċi tagħti aktar tagħrif u l-attriċi għamlet parti minn dak li riedet il-qorti b'nota tas-27 t'April 2006. Billi t-tagħrif mogħti mill-attriċi ma kienx dak kollu li kien ried id-dikriet tat-28 ta' Marzu 2006, il-qorti b'dikriet ieħor tat-8 ta' Mejju 2006 għarrfet lill-attriċi illi s-smigħ tal-kawża jinbeda wara li l-attriċi tkun għamlet dak li kien fadal li jsir skond l-ewwel

dikriet. L-attriċi b'nota oħra tat-23 ta' Ġunju 2006 reġgħet għamlet biss parti minn dak li riedet il-qorti, il-qorti reġgħet b'dikriet tat-30 ta' Ġunju 2006 fakkret lill-attriċi b'dak li kellha tagħmel sabiex ikun jista' jinbeda s-smigħ.

Għalkemm il-qorti ma ordnatx il-ħruġ tar-rikors maħluf u n-notifika tiegħu lill-konvenut, għax l-attriċi baqgħet ma tatx it-tagħrif kollu li riedet il-qorti, ir-rikors minkejja dan ġie notifikat lill-konvenut fit-30 ta' Lulju 2008. Il-konvenut wieġeb fit-13 t'Awissu 2008 u ressaq l-eċċezzjoni, fost oħrajn, tad-deżerzjoni tal-kawża billi l-proċeduri bil-miktub ma ngħalqux fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur, kif igħid u jrid l-art. 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Il-qorti mbagħat b'dikriet tat-12 ta' Mejju 2009 ordnat illi l-kawża titqiegħed fuq il-lista sabiex issr trattazzjoni dwar l-eċċezzjoni ta' deżerzjoni. Din is-sentenza tallum hija dwar dik l-eċċezzjoni.

Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħoddu għall-każ igħidu hekk:

**963.** (1) … … … il-proċedura bil-miktub, f'kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur … … …

(2) Fil-qorti ta' l-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat … … …

(3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità.

(3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'dikriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux.

Fil-każ tallum iż-żmien ta' sitt xhur minn dakinhar tal-preżentata taċ-ċitazzjoni għalaq fis-17 ta' Settembru 2006, u, sa dakinhar, il-proċeduri bil-miktub kienu għadhom ma ngħalqux. Madankollu, minkejja l-kelmiet "żmien perentorju", il-liġi trid illi, ukoll jekk ikun għadda dak iż-

żmien perentorju, il-qorti “għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista’ jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f’xi nuqqas ta’ notifika”. Biex din id-dispożizzjoni tkun tfisser xi ħaġa, trid tfisser illi l-kawża ma tmux deżerta minkejja l-mogħdija taż-żmien perentorju u – biex il-kawża ma tibqax miftuħa għal dejjem – illi ż-żmien jerġa’ jibda jgħaddi minn dakinhar tal-ordni tal-qorti.
Id-dikriet li bih il-qorti, kif irid l-art. 963(3), tat “dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista’ jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f’xi nuqqas ta’ notifika” ingħata fit-8 ta’ Mejju 2006 u l-proċeduri bil-miktub ingħalqu bil-preżentata tan-nota ta’ eċċezzjonijiet tal-konvenut fit-13 t’Awissu 2008, aktar minn sitt xhur wara.
B’ebda mod ma jista’ jingħad illi dan kollu ma seħħx minħabba nuqqasijiet tas-soċjetà attriċi, li mxiet b’mod leġġer u approssimativ fit-twettiq tal-ordnijiet preċiżi tal-qorti mogħtija bil-ħsieb illi l-proċedura titmexxa b’ħeffa, b’effiċjenza u bla ħela ta’ ħin.
Il-kawża għalhekk għandha titqies li marret deżerta, u l-qorti tilqa’ l-eċċezzjoni ta’ deżerzjoni u teħles lill-konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju.
L-ispejjeż ġudizzjarji għandha tħallashom is-soċjetà attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------